MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Rikors Numru. 16/2006/1

**Carmela Camilleri, Joseph Grech u John Mifsud**

**vs**

**Paul Camilleri**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi r-rikorrenti bhala sidien tar-raba' bir-razzett u bir li jaghmel maghha tal-kejl ta' cirka tomna maghruf bhala 'Tal-Kappellier' fil-kontrada tal-Maghtab, limiti tal-Gharghur jikru l-istess ghalqa lill-intimat Paul Camilleri versu l-qbiela ta' tnax-il lira fis-sena pagabbli kull nhar ta' 15 t'Awissu b'lura, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 t'Awissu 2006;

Peress li r-rikorrenti ghandhom bzonn l-istess raba' biex jahdmuha ghall-skopijiet agrikoli kemm ghalihom

personali u kif ukoll ghall-ulied tar-rikorrenti Carmela Camilleri u Joseph Grech a dan a tenur tal-artikolu 4 (2) (a) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi wkoll l-imsemmi ntimat halla lill-istess ghalqa ossia parti sostanzjali minnha tigi zdingata u abbandunata ghal ta' l-anqas tnax-il xahar f'dawn l-ahhar sentejn u dan skond kif kontemplat fl-artikolu 4 (2)(d) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet hawn fuq premessi jew ghal kwalunkwe wahda minnhom tordna lill-intimat jizgombra 'l barra mir-raba' fuq indikat fi zmien qasir u perentorju iffissat minn dan il-Bord prevja li tigi likwidata u ffissata s-somma dovuta bhala kumpens xieraq a tenur tal-artikolu 4 (4) Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi jordna lil-istess rikorrenti jhallsuh tali kumpens kif likwidat;

Bl-ispejjes kontra l-intimat minn issa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Ra ir-risposta tal-intimat:

Illi ghall-korrettezza, ma hemm ebda razzett fir-raba' de quo. Hemm biss kamra ghall-ghodda tar-raba';

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante:

1. Illi r-raba' in kwistjoni dejjem giet mahduma u qatt ma kien hemm intervall li fih ma nhadmitx. Ma kien hemm ebda mument fil-perjodu ta' 33 sena li ilha mikrija lill-esponenti li fih ir-raba' kienet zdingata jew abbandunata;
2. Illi jekk it-talba tintlaqa', il-kerrej ibati iktar minn sid il-kera;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti talbu ir-ripreza ta’ dan ir-raba’ fuq zewg premessi, wahda tal-htiega tieghu skond l-artikolu 4(2)(a) u t-tieni fuq ksur tal-kondizzjoni lokatizja senjatament zdingar tal-ghalqa skond l-artikolu 4(2)(d) tal-Kapitolu 199.

Illi dwar l-ewwel raguni vantata mir-rikorrenti biex jithallew jirriprendu dan ir-raba’ kien hemm diversi sentenzi li enuncjaw l-*iter* procedurali partikolari li ghandu jkun segwit mill-Bord. Fil-kawza **Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele App 12/1993 deciz 3/11/2004**, l-Qorti rriteniet hekh:

Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet “**Jane armla minn John Mary Calleja *et* -vs- Francesco Calleja *et***”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000, illi skond it-test tal-ligi fuq riprodott, “liter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien issegwenti:-

“(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;

“(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta’ l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;

“(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.”;

Illi fuq l-iskorta ta’ dan l-insenjament gia assodat fil-gurisprudenza taghna, l-Bord ser jghaddi biex jezamina dawn ir-rekwiziti applikati fil-kaz in dizamina fejn, kif inhu evidenti, huma tlieta s-sidien li qed jaghmlu din it-talba sabiex ir-raba’ jintuza minnhom kif ukoll minn ulied ir-rikorrenti Carmela Camilleri u Joseph Grech. John Mifsud

xehed illi oltre li ilu midhla tax-xoghol tar-raba minn meta kien jghin lill-missieru minn eta' zghira huwa ukoll bidwi *part-time* u sa ftit zmien ilu kien jahdem 11-il tomna raba' izda parti sostanzjali minnu ttihiedlu mill-Gvern u llum jahdem biss zewgt itmiem u ghalhekk parti importanti mid-dhul tieghu kien terminat hesrem. Dan id-dhul kien generat mill-bejgh ta' tiben kif ukoll bejgh tal-prodott lill-Pitkalija meta llum ma jistax ilahhaq mal-hajja u l-prodott minn dawn iz-zewgt itmiem qed juzah interament ghall-borma. Id-dhul baziku tieghu huwa ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira maltin fix-xahar. Bintu ukoll tahdem bhala assistant nurse l-isptar. Carmela Camilleri ukoll xehdet illi ilha minn ckunita tahdem fir-raba' ma' missierha flimkien ma' huha, r-rikorrenti Joseph Grech. Hija ghandha sitt itfal u zewgha huwa rtirat izda xorta jahdem ghaxart itmiem raba' u jircievi pensjoni ta' madwar mija disa u tmenin lira maltin fix-xahar u ma ghandhom ebda dhul iehor. Noel Grech xehed illi huwa bin ir-rikorrenta Guza Grech (izda ma hemm l-ebda rikorrenti b'dan l-isem) li hija ko-propretarja tal-art in kwistjoni. Ommu ghandha tnax-il tomna raba u hu dejjem jghinha fiz-zamma tieghu. Huwa ghandu familja konsistenti fil-mara tieghu u tifel ta' sitt snin u ghandu xoghol *part time* u d-dhul li jaghmel mix-xoghol fir-raba' iservi ta' ghajnuna kbira ghalih. Omm dan ix-xhud, Guza Grech, xehedet illi hija ko-propretarja ta' dan ir-raba'. Hija midhla tax-xoghol tar-raba' ghaliex minn ckunitha dejjem kienet tghin lill-missierha tikkoltiva sittin tomna u llum tahdem tnax-il tomna raba' li ta' ghaxra minnhom hija s-sid. Zewgha pensjonant u jircievi mitejn u hamsin lira maltin fix-xahar f'pensjoni u l-familja taghha ghalhekk tikkonsisti f'zewgha pensjonant u binha (li xehed qabilha u qal li hu ghandu l-familja tieghu). L-ewwel rekwizit huwa sodisfacentement pruvat mir-rikorrenti li urew li huma kollha nies li mhux biss midhla tar-raba' izda ukoll dipendenti, jekk mhux ghal-kollox, mill-introjtu generat mill-hidma fir-raba' divers taghhom li ukoll jinsab vicin dak in-dizamina.

Fl-ezami dwar it-tieni rekwizit, u cioe' li r-rikorrenti jehtieg juri li dan ir-raba' huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu, l-Bord ezamina x-xhieda tal-intimat li qal li ghandu biss din l-ghalqa flimkien ma ohra zghira

tmiss maghha biex jahdem ghall-bzonnijet tal-familja tieghu li flimkien ma jaghmlux aktar minn tomnejn. Din l-ghalqa izda hija ftit anqas minn tomna li ftit minnha hija blat u ma tinzerax. Martu mejta u jghix ghal rasu u mill-ghalqa jiehu diversi prodotti li juzahom ghal konsum personali. Id-dhul principali tieghu huwa derivanti minn pensjoni ghaliex huwa irtirat. Ezaminata din id-deposizzjoni, ma jirrizultax li l-intimat ghandu xi attivita' kummercjali emergenti minn dan ir-raba' izda dak li jiehu minnha huwa ghall-konsum personali tieghu u tenut kont tal-qies pjuttost zghir ta' dan ir-raba, ftit anqas minn tomna u parti minnha blat, huwa plawsibbli li din ma tirrendix daqstant prodott u li dak li tirrendi huwa appena sufficjenti ghall-konsum personali. Huwa ghal dan il-motiv li l-Bord qed jikkonkludi li l-intimat ssodisfa t-tieni rekwizit f'dan l-iter procedurali;

Jibqa' ghalhekk it-tielet element in ezami senjatament jekk il-kerrej kienx ser ibati aktar mis-sid f'kaz li l-Bord kellu jilqa' t-talba. Dwar dan jehtieg jibqa' fil-mira illi dan ir-raba' huwa rikjest ghall-uzu minn diversi persuni u l-konsiderazzjoni ta' dan il-Bord qed issir ukoll in relazzjoni tal-qies zghir tal-istess ghalqa. L-introjtu tal-intimat huwa unikament provenjenti mill-pensjoni tieghu u ghalhekk l-ghalqa in kwistjoni sservi ta' soljev billi jnaqqas in-nefqa tieghu meta si tratta ta' prodotti derivanti mill-biedja. Minn naha tar-rikorrenti ghandna lil John Mifsud li ghandu zewgt itmiem raba' u l-prodott ukoll izommu ghall-uzu personali tal-familja tieghu konsistenti f'martu u zewg uliedu izda wahda minnhom tahdem *full-time* bhala nurse u l-ohra ghandha 16-il sena. L-impjieg tieghu jirrendilu madwar tlett mija u hamsa u ghoxrin lira maltin fix-xahar. Carmela Camilleri ghandha d-dhul tal-pensjoni ta' zewgha li ukoll jahdem ghaxart itmiem raba' li minnhom isostnu sitt itfal izda hi stess qalet li "ir-raba' dejjem kien jikkostitwixxi dhul mhux zghir ghall-familja tieghi". Noel Grech jahdem *part-time* u qal li ghandu familja tieghu izda ommu Guza Grech qalet li dan joqghod maghha li daparti taghha tahdem tnax-il tomna raba' u zewgha ghandu pensjoni ta' mitejn u hamsin lira fix-xahar. Akkwiziti dawn il-provi, l-Bord qieghed f'posizzjni jaghmel l-ezami komparattiv ta' minn mill-partijiet l-aktar ser ibati f'dak li kellha tintlaqa' t-

talba tar-rikorrenti. Huwa ghalhekk pacifiku li dan ir-raba' huwa rikjest ghall-uzu personali ta' erba' persuni li lkoll ghandhom xi forma ta' dhul sia minn pensjoni jew impjieg, sia minn prodotti tar-raba' kif ukoll minn salarji tad-dipendenti taghhom. Il-Bord ma jistax jara kif dan ir-raba' ser jagevola l-introjtu ta' erba minn nies tenut kont il-qies zghir tieghu. Ezitu favorevoli dirett lejn ir-rikorrenti sejjer ikun ta' tbatija ghall-intimat li qieghed jissupplimenta d-dhul mill-pensjoni tieghu billi ma jonfoqx flus fix-xiri ta' prodotti agrikoli li jkabbar hu stess f'din l-ghalqa. Ghal dawn il-motivi, l-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bazata fuq il-htiega tar-raba' ghall-uzu persoali minnhom;

It-talba tar-rikorrenti hija ukoll bazata fuq l-allegazzjoni li l-intimat naqas milli jiehu hsieb dan ir-raba' ghall-perjodu ta' aktar min tnax-il xahar f'dawn l-ahhar sentejn skond l-artikolu 4(2)(d) tal-Kapitolu 199. Dak li r-rikorrenti John Mifsud kellu xi jghid dwar din il-premessa kien is-segwenti: "Illi r-raba meritu ta' din il-kawza jinsab vicin it-tomnejn raba li nahdem u minn naha ghall-ohra fil-fatt tidher. Illi ghalhekk nista' nikkonferma illi l-intimat ma hux qed jiehu hsieb ir-raba mqabblu ghandu. Illi huwa qieghed jahdem parti zghira biss minnha madwar 40 pied b'20 pied u l-kumplament ma hux qed jinhadem. Qed ihalliha zdingata ghal kollox u ilha hekk f'dan l-istat ghal snin twal. Qieghed nesebixxi ma dan l-affidavit erba ritratti mmarkati Dok JM2 sa JM5 li juru l-ghalqa in kwistjoni kif thalliet zdingata u dan kif imqabbel ma ritratt iehor esebit u mmarkat Dok JM6 li turi r-raba ta' ma gembu ndokkrat sew kif suppost…" Noel Grech xehed li l-intimat mhux qed jiehu hsieb sewwa tar-raba u dan qed jintuza ghall-kacca mir-ragel tat-tifla tieghu. Bl-istess vuci ta' Carmela Camilleri dan ix-xhud jghid li meta kienu kellmu lill-intimat kien stqarr maghhom li qed izomm ir-raba b'semplici delizzju u sabiex fil-granet tas-sajf jorganizza xi *barbeques* go fiha. Guza Grech regghet qalet l-istess haga bl-istess kliem u dawn lkoll fl-affidvavit minnhom prezentat. Ghal dan kollu l-intimat wiegeb li l-uniku zmien li naqas milli jattendi l-ghalqa regolarment kien meta mardet martu b'mod terminali peress illi kellu jkun ma' genbha kull jum l-isptar. Ir-ragel ta' bintu ilu jghinu fir-raba ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u mhux

minnu li jmur ghal kacca fiha ghaliex ghal dan l-iskop ghandu bicca appozita tmiss mal-istess raba' u bicca ohra l-Mtahleb. L-ghalqa tkun imdemmla fis-sajf u ghalhekk mhux possibbli li jaghmel *barbecues* fiha. Dan ir-raba' ghandu parti minnu blat u ma jistax jinhadem. It-tankijiet murija fir-ritratti huma uzati biex jahznu l-ilma tat-tisqija u l-bqija l-ghalqa fiha hafna sigar tal-frott u zebbug lkoll indukrati. In kontro-ezami qal li kien hu li sewwa l-giebja u qal li hu jista' jahdem biss fejn hu hamrija. Walter Sargent xehed illi l-intimat dejjem fl-ghalqa, Hdud u festi u dejjem jafu jahdem fl-ghalqa u recentement zied diversi sigar tal-frott. Joseph Ciantar u Joseph Cutajar ukoll xehdu illi dejjem jafu r-raba mizruh b'wicc jew iehor u meta twaqqa xi hajt kien jittella mill-ewwel. Bint l-intimat xehdet illi minn mindu kellha ghaxar snin tiftakar lill-missierha jahdem l-ghalqa anzi kien hu li rranga kullma kien hemm ghaliex meta dahlu fiha l-ewwel darba kienet zdingata.

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi parti minn dan ir-raba mhux mahdum u l-intimat ipprokura skuza legittima ghal dan, senjatament illi parti mir-raba' huwa blat u ma jistax jinhadem. Oltre minn hekk kien hemm zmien fejn naqas milli jattendi fl-ghalqa minhabba mard fil-familja. Mir-ritratti esebiti mir-rikorrenti jidher raba' li ghandu diversi sigar taz-zebbug u dwieli u ma jidher l-ebda zdingar f'dak l-aspett. Jidher ukoll ammont ta' gebel mixhut fin-nofs izda l-intimat jghid li dan qiehged fil-parti li ma tinhadimx. Huwa akkolt fil-gurisprudenza taghna illi f'tali sitwazzjonijiet anke fejn l-kerrej uza tali parti biex fuqha iqieghed bicciet ta' vetturi skrappjati, din ma kienitx tekwivali ghal zdingar la darba l-parti kienet blat. Ir-rikorrenti jghid li d-dokumenti JM2 sa JM5 ittiehdu minnu fl-istess gurnata li gibed id-Dok JM6 li juri ghalqa kontigwa kif tkun meta ben koltivata. Dan l-ahhar ritratt juri ghalqa appena mahruta u mifqugha bl-ilma tax-xita. Fir-ritratti l-ohra ma tidher ebda evidenza ta' xita. Mix-xhieda tar-rikorrenti jidher li dawn marru jkellmuh fl-istess gurnata u fl-istess hin u kkonfrontawh dwar din l-ghalqa meta lkoll jirrakkontaw ghal dik l-okkazzjoni "meta konna kellimna lil Paul Camilleri… kien infurmana li kien qed izomm l-ghalqa bhala semplici delizzju". Il-Bord hu tal-fehma li l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija newtralizzata bix-xhieda

tieghu proprju u b'dik minnu mressqa. Bhalma jigri ta' spiss meta tintiret raba', l-werriet mhux dejjem ikollhom dik l-informazzjoni necessarja dwar l-fatti kollha u wisq jissuspetta dan il-Bord li hekk gara f'din il-kawza fejn ir-rikorrenti ma kienux konxji tal-fatt li dan ir-raba' kellu parti minnu ma jinhadimx peress illi huwa blat u b'hekk setgha jaghti l-impressjoni li hu zdingat. Jazzarda jistaqsi dan il-Bord, jekk John Mifsud, bid-dikjarazzjoni tieghu stess jghid li dan ir-raba' ilu zdingat ghal diversi snin, ghaliex ghazel li jagixxi proprju issa? Haga din li mhix riflessa fir-ritratti minnu esebiti.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------